MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Rikors Numru. 140/2013

**Qorti Civili**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 3 ta' April 2014**

Rikors Nru. 140 / 13RGM

Kawza fil-lista: 27

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li jaqra hekk:-

Illi l-partijet kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar il-31 ta Ottubru tas-sena 1981;

Illi l-istess partijet ilhom de facto separati minn ma xulxin ghal dawn l-ahhar seba snin;

Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom separati fattwalment minn ma' xulxin ghall-aktar minn erba snin f'dawn l-ahhar hames snin;

Illi ma tezisti ebda possibbilita ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li z-zewg komparenti ilhom zmien twil li mxew b'mod indipendenti minn ma xulxin tant illi attwalment kull-parti tghix il-hajja taghha privata indipendentement mill-parti l-ohra;

Illi difatti l-intimata kienet effettivament irrinunzjat milli tippecepixxi alimenti minghand zewgha, r-rikorrenti, tant illi tul dawn l-ahhar seba snin, hija qatt ma ntavolat talba f'dan is-sens u fl-istess hin pero u bi qbil ma' l-istess zewgha kienet u ghadha tircievi nofs id-dhul provenjenti mill-kera tal-garage li jinsab gewwa Triq l-Indipendenza l-Mosta cioe madwar €285 fix-xahar;

Illi minn dan iz-zwieg il-komparenti kellhom zewgt itfal, illum it-tnejn maggorenni u cioe Alexia B, xebba ta 25 sena u Diane mart Kevin Muscat ta tletin sena;

Illi in vista tal-fatti fuq esposti ghadu jirrenja bejn il-kontendenti l-Istitut tal-Komunjoni tal-akkwisti u kwindi ghalhekk ir-rikorrenti sejjer jusufruwixxi ruhu mill-odjerni proceduri sabiex jitlob ix-xoljiment tal-istess;

Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tal-hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet halli dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku u kif ukoll sabiex l-istess AwtoC tigi avzata bit-terminazzjoni tal-Komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Taghti kull-provvediment iehor li jkun jidrilha hekk xieraq u/jew opportun skond il-kaz.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li taqra hekk:-

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet izzewgu fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal li llum huma kollha maggorenni;

2. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar seba'snin;

3. Illi l-esponenti tirrileva wkoll illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

4. Illi fl-ewwel 1ok jigi eccepit illi ghalkemm huwa vera li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, dan huwa tort unikament ta' l-attur u ghal dan il-ghan ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati mill-Ligi u cioe' d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-kodici Civili kontra l-attur;

5. Illi l-attur rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi, kif ukoll ta' adulterju;

6. Illi l-esponenti tikkontendi li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata tenut kont li l-htija tat-tkissir taz-zwieg huwa imputabbli lill-istess attur b'dana illi hija ghandha tibqa tirrisjedi fid-dar matrimonjali;

7. Illi l-esponenti tirrileva ulterjorment illi l-kap tal-manteniment ghadu ma giex deciz;

8. Illi ghaldaqstant il-konvenuta titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg hekk kif mitlub fir-rikors promutur wara li tiddikjara li l-htija hija unikament da parti ta’ l-attur;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet tat-28 ta’ Frar 2014 li permezz taghha issottomettew it-termini ta’ transazzjoni ta’ bejniethom u talbu li tali termini jigi nkorporati fis-sentenza finali.

It-termini stipulati fit-transazzjoni huma s-segwenti:-

a) Bil-kunsens tal-konvenuta C B, sehemha mill-fond bin-numru ufficcjali mija u sitta u ghoxrien (126) bl-isem ta “Rit-Ton” gewwa Vjal l-Indipendenza, l-Mosta qed jigi assenjat lil A B.

b) Bil-kunsens tal-attur A B qed jinghata lill-konvenuta C B titolu ta’ uzu u abitazzjoni fuq l-imsemmija dar 126, Rit-Ton, Vjal l-Indipendenza, l-Mosta u dana *vita durante* diment li tibqa tirrisjedi fl-istess dar bhala r-residenza ordinarja taghha b’dan illi sakemm C B tibqa’

tirrisjedi fil-fond imsemmi, l-ispejjez relatati mas-servizzzi kollha f'din id-dar ikunu a kariku taghha.

c) A B intrabat sabiex zmien tlett xhur millum jesegwixxi ix-xogholijiet rimedjali mehtieqa fuq l-imsemmija dar 126, Rit-ton, Vjal l-Indipendenza, Mosta sabiex din tigi reza abitabbli u liema xogholijiet ghandhom isiru skond kif titlob is-sengha u l-arti, b'materjal tajjeb u minn haddiema mharga fis-sengha retattiva. Ix-xogholijiet hawn ordnati huma elenkati f'rapport tekniku datat 12 ta' Frar 2014 anness man-nota kongunta tal-partijiet tat-28 ta' Frar 2014.

d) Illi wara li jigu kompletati l-imsemmija xogholijiet rimedjali, kwalunkwe spejjes ta' natura ordinarja fuq l-imsemmija dar ikunu a kariku ta C B bl-obbligu impost fuqha li zzomm l-istess fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni;

e) Illi l-garage bin-numru ufficcjali mija u tmienja u ghoxrien (128) u bl-isem ta Astra Garage, 'Vjal l-Indipendenza Mosta kif soggett ghar-rata tieghu ta cens annwu u temporanju pagabbli lill-ufficcju kongunt u attwalment mikri lil terzi persuni ghandu jibqa' proprjeta komuni bejn il-konjugi B f'sehem ugwali w ghalhekk kwalunkwe kera u/jew dhul iehor provenjenti mill-istess garage ghandu jigi percepit f'sehem ugwali bejn il-kontendenti konjugi B; filwaqt li l-hlas dovut ta' l-imsemrni cens anwu u temporanju wkoll ghandu jkun a kariku tal-istess kontendenti konjugi B f'sehem indaqs bejniethom;

f) Illi f'kaz li fil-futur xi wiehed jew wahda mill-kontendenti konjugi B jkun irid jitrasferixxi s-sehem tieghu jew taghha fuq l-istess garage, dik il-parti li jkollha tali ntenzjoni ghandha taghti lill-parti l-ohra d-dritt ta' l-ewwel preferenza billi tavza lill-istess bil-miktub permezz ta' posta registrata jew bl-idejn b'tali ntenzjoni tieghu jew taghha u bil-prezz mitlub. F'kaz li l-parti l-ohra li jkollha d-dritt ta' l-ewwel preferenza tkun interessata li tixtri hija stess s-sehem li jkun ghal bejgh hija ghandha tinforma b'dan bil-miktub bil-posta registrata lill-parti li jkun ser jitrasferixxi fi zrnien mhux aktar tard minn gimgha minn meta tkun giet hekk notifikata u l-konvenju relattiv ikun irid jigi ffirmat fi zmien mhux aktar tard minn gimghatejn minn meta tkun giet hekk notifikata bl-intenzjoni tal-parti li jkun irid ibiegh s-sehem tieghu. F'kaz ta' nuqqas ta risposta, jew ta' risposta negattiva jew ta' risposta tardiva, d-dritt ta' l-ewwel preferenza jispicca.

Rat li t-termini miftehma mill-partijiet huma ekwi u konformi mal-ligi.

Ikkonsidrat illi jissussistu l-elementi mehtiega sabiex il-Qorti tippronunzja d-divorzju ta’ bejn il-partijiet.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta tal-konvenuta billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex zmien ghaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet.

4. Tiddikjara illi l-partijiet ddekadew mid-dritt li jitolbu u jippercepixxu alimenti fil-konfront ta’ xulxin.

5. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet:-

c) Bil-kunsens tal-konvenuta C B, sehemha mill-fond bin-numru ufficcjali mija u sitta u ghoxrien (126) bl-isem ta "Rit-Ton" gewwa Vjal l-Indipendenza, l-Mosta qed jigi assenjat lil A B. Il-Qorti tiddikjara li tali fond m'ghandux jibqa' konsidrat bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

d) Bil-kunsens tal-attur A B qed jinghata lill-konvenuta C B titolu ta' uzu u abitazzjoni fuq l-imsemmija dar 126, Rit-Ton, Vjal l-Indipendenza, l-Mosta u dana *vita durante* diment li tibqa tirrisjedi fl-istess dar bhala r-residenza ordinarja taghha b'dan illi sakemm C B tibqa' tirrisjedi fil-fond imsemmi, l-ispejjez relatati mas-servizzzi kollha f'din id-dar ikunu a kariku taghha.

c) Tordna lil A B sabiex zmien tlett xhur millum jesegwixxi ix-xogholijiet rimedjali mehtieqa fuq l-imsemmija dar 126, Rit-ton, Vjal l-Indipendenza, Mosta sabiex din tigi reza abitabbli u liema xogholijiet ghandhom isiru skond kif titlob is-sengha u l-arti, b'materjal tajjeb u minn haddiema mharga fis-sengha retattiva. Ix-xogholijiet hawn ordnati huma elenkati f'rapport tekniku datat 12 ta' Frar 2014 anness man-nota kongunta tal-partijiet tat-28 ta' Frar 2014.

d) Illi wara li jigu kompletati l-imsemmija xogholijiet rimedjali, kwalunkwe spejjes ta' natura ordinarja fuq l-imsemmija dar ikunu a kariku ta C B bl-obbligu impost fuqha li zzomm l-istess fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni;

e) Tordna li l-garage bin-numru ufficcjali mija u tmienja u ghoxrien (128) u bl-isem ta Astra Garage, 'Vjal l-Indipendenza Mosta kif soggett ghar-rata tieghu ta cens annwu u temporanju pagabbli lill-ufficcju kongunt u attwalment mikri lil terzi persuni ghandu jibqa' proprjeta komuni bejn il-konjugi B f'sehem ugwali w ghalhekk kwalunkwe kera u/jew dhul iehor provenjenti mill-istess garage ghandu jigi percepit f'sehem ugwali bejn il-kontendenti konjugi B; filwaqt li l-hlas dovut ta' l-imsemrni cens anwu u temporanju wkoll ghandu jkun a kariku tal-istess kontendenti konjugi B f'sehem indaqs bejniethom;

f) Illi f'kaz li fil-futur xi wiehed jew wahda mill-kontendenti konjugi B jkun irid jitrasferixxi s-sehem tieghu jew taghha fuq l-istess garage, dik il-parti li jkollha tali ntenzjoni ghandha taghti lill-parti l-ohra d-dritt ta' l-ewwel preferenza billi tavza lill-istess bil-miktub permezz ta' posta registrata jew bl-idejn b'tali ntenzjoni tieghu jew taghha u bil-prezz mitlub. F'kaz li l-parti l-ohra li jkollha d-dritt ta' l-ewwel preferenza tkun interessata li tixtri hija stess s-sehem li jkun ghal bejgh hija ghandha tinforma b'dan bil-miktub bil-posta

registrata lill-parti li jkun ser jitrasferixxi fi zrnien mhux aktar tard minn gimgha minn meta tkun giet hekk notifikata u l-konvenju relattiv ikun irid jigi ffirmat fi zmien mhux aktar tard minn gimghatejn minn meta tkun giet hekk notifikata bl-intenzjoni tal-parti li jkun irid ibiegh s-sehem tieghu. F'kaz ta’ nuqqas ta risposta, jew ta’ risposta negattiva jew ta’ risposta tardiva, d-dritt ta’ l-ewwel preferenza jispicca.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------